"Iva, Luċens, il-kelb tiegħi? . . . Tħabbel moħħok xejn," qallu l-Manifk waqt li ħareġ il-kexxun u qabad nofs lira f'idejh. "Din tiegħek! Dak il-kelb qiegħed biex jgħallini."

Tal-ħanut ma stenniex li sa jġibha żewġ daqshekk u kien sa jqum biex wara li jiżżiħajr lis-Sur Peppin joħroġ 'il barra qisu qatt ma kien xejn.

"Nirringrazzjak, Sur Manifk. Skużani li ġejt intellfek . . . L-għodwa t-tajba!" qallu Luċens b'wiċċu għad-dawl u b'ħatfa biex jeħles minn dik il-biċċa saram.

"B'daqshekk? Imma, jekk jogħġbok, qabel titlaq ħallili sbatax-il xelin u nofs tal-parir," qallu n-nutar bi ħlewwa l-aktar kbira.

Luċens inħasad u baqa' b'ħalqu miftuħ. Imsarnu niżlu f'riġlejh. Madwaru ra kollox idur u telgħetlu għoqla fi griżmejh li ma ħallitux jlissen nofs ta' kelma. Is-Sur Peppin kien qlieħ bil-għaqal. Ma setax ma jagħtihomlux. Kienu l-ħlas tax-xogħol tiegħu bħalma kienu tas-serduk għalih.

Bil-qalb it-tajba Luċens tal-ħanut żerżaqlu tliett tmintax irbigħat man-nofs lira li kien għadu kif taħ. Lanqas 'Grazzi' u 'Saħħa' ma qallu, u ma jafx jekk hux ħaj jew mejjet qabad u lebbet 'il barra.

Demmu tela' kollu f'rasu u jekk ma qabditux puplesija dak in-nhar fit-triq ma nafx meta taqbdu waħda lil Luċens, għax kien ħadha bi kbira wisq.

Xi jumejn wara meta Ġanna u Spira staqsewh kif kien baqa' fuq il-kelb tal-Manifk, Luċens ma kellux ħila jweġibhom. Filomen li kienet hemm biex tixtri l-kirxa, ma qagħdetx taħsibha darbtejn għax dlonk qaltilhom, "Kellu jħallas seba' xelini u nofs mal-prezz tas-serduk!"

Iż-żewġ nisa ma fehmux x'riedet tgħid Filomen b'dak il-kliem. Iżda Luċens fehem għax żarrad tnejn minn taħt li mhux xieraq li aħna nsemmuhom hawnhekk!

*IL-PRESIDENT U KUNSILL TA' "IL-GĦAQDA"*
*JIXTIEQU R-RIŻQ U L-HENA*
*LILL-MEMBRI U MSEĦBIN*
*F'IL-MALTI*
*MA' TUL IS-SENA L-ĠDIDA*
*TAL-1968*



# LILL-PATRI ĠUŻEPPI DELIA, S.J.

*F'Egħluq il-Ħamsin Sena fil-Kumpanija ta' Ġesù*

*Ta'* ĠUŻE' CARDONA

*Rigal żgħir minn Student tiegħu ta' 28 sena ilu, biex juri li kien u jibqa' mdejjen lejh bħala l-ewwel Surmast tiegħu tal-Malti.*

Fil-kesħa ta' Cambridge, il-bogħ'd minn Għżiriti,
Waslitli stedina għal Lejla ta' Ġieħ
Biex tfakkar nofs seklu li Patri Delia
T'Injazju Loyola ingħaqad mar-Rħieb.

Mal-ferħ mitt tifkira minn moħħi għaddew,
Minn meta dal-Patri rajt darba snin ilu
U smajtu jgħidilna l-għeġub ta' Fantomas
Fil-*ground* tal-Kulleġġ. Niftakar, bħal bierah,
L-għajnejn tagħna jżebbgħu mistagħġba, mwerwrin
U l-għada ninġabru madwaru mill-ġdid,
Biex Patri Delia jissokta ħraf'oħra,
Li kien jisgħobina kull meta tintemm.

Għal snin ma deh'rx aktar il-Patri nissieġ
Ta' ħrejjef li baqgħu f'imħuħna ċkejknin;
'Ma fl-aħħar fil-klassi erġajna rajnieħ
U beda jgħallimna il-Malti, il-Latin.

Minn għandek, ja msaħħar poeta tal-ġmiel,
Tal-ħlewwa, tad-difa, tal-benna, il-Ilsien
Għażiż t'Art Twelidi minn fommok tgħallimt
U f'qalbi għożżejtu sakemm sar il-ħin
Biex bħalek ingħanni bi vrus sbieħ maltin,
Il-Qawwa ta' niesna, il-ġmiel tat-twemmin,
Il-għożża ta' Psaila, li ħakem lit-tnejn
Li t-tnejn fis ħabbejna kif fhimna kobortu —
Il-kobor bla qies ta' bniedem li bata
Għax ħabb 'l Art Twelidu w għannieha b'kull Ġieħ
U riedha meħlusa mill-madmad barrani,
Għaliha, sabiħa, bla xkiel bla tħassir.